

V

(Avviżi)

**PROCÉDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż ta' terminazzjoni tal-proċedimenti parzialment miftuħa fir-rigward tal-importazzjonijiet tat-trab żeolit A li joriġina fil-Bożnija-Herzegovina

(2016/C 365/06)

- (1) Bir-Regolament (UE) Nru 1036/2010 tal-15 ta' Novembru 2010 (¹), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tat-trab żeolit A ("zeolite") li joriġina mill-Bożnija-Herzegovina ("BH"), u ġie impost dazju definitiv anti-dumping fuq l-istess importazzjonijiet bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 464/2011 (²) ("ir-Regolament definitiv").
- (2) Wara l-adozzjoni tar-Regolament definitiv permezz tad-Deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Mejju 2011 (³), il-Kummissjoni aċċettat impenn fuq il-prezz offrut mill-produttur li jesporta f'BH, Aluminia d.o.o. Zvornik ("Alumina"), li qiegħed jikkoper. flimkien mal-kumpanja relatata miegħu fl-Unjoni, AB Kauno Teikimsa filialas, li tinsab f'Kaunas, fil-Litwanja.
- (3) Wara applikazzjoni ppreżentata minn Aluminia fis-16 ta' Ġunju 2011, il-Qorti Ĝeneralis tal-Unjoni Ewropea ("QG") fis-sentenza tagħha tat-30 ta' April 2013 (⁴) fil-kawża T-304/11, annullat ir-Regolament definitiv sa fejn dan jikkonċerna l-kumpanja Alumina. Fil-11 ta' Lulju 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ressaq appell bl-iskop li titwarrab is-sentenza tal-QG. Fl-1 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ("QtĠ") tat-sentenza (⁵) li fiha hija ċaħdet l-appell tal-Kunsill.
- (4) Fl-20 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet, wara li infurmat lill-Istati Membri, li terġa' tiftaħ parzialment l-investigazzjoni antidumping li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' żeolit biex timplimenta l-kostatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (QtĠ) (⁶).
- (5) F'Awwissu 2015 ġie ppubblikat avviż ta' skadenza imminenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (⁷). Peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda talba sostanzjata kif xieraq għal rieżami wara l-pubblikazzjoni tiegħu, il-miżuri oriġinali skadew fil-15 ta' Mejju 2016 (⁸).
- (6) Wara l-iskadenza tal-miżuri, huwa xieraq li jingħalqu l-proċedimenti attwali. Il-proċedimenti parzialment miftuħa huma b'hekk magħluqa.

^(¹) ĠU L 298, 16.11.2010, p. 27.

^(²) ĠU L 125, 14.5.2011, p. 1.

^(³) ĠU L 125, 14.5.2011, p. 26.

^(⁴) Il-Kawża T-304/11. Alumina vs Il-Kunsill.

^(⁵) Il-Kawża C-393/13P, il-Kunsill vs Alumina, li għadha ma ġietx ippubblikata.

^(⁶) ĠU C 17, 20.1.2015, p. 26.

^(⁷) ĠU C 280, 25.8.2015, p. 5

^(⁸) Avviż ta' skadenza ġie ppubblikat fit-13 ta' Mejju 2016 (ĠU C 172, 13.5.2016, p. 8).